MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1304/2005

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Herman Betts u l-istess Herman Betts (ID46662M)**

**vs**

**Adrian Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Gunju, 2005 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas in linea ta' danni mitejn u erba' liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm204.39) lil Untours Insurance Agents noe u hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) lil Hermann Betts u dana in segwitu ghall-incident stradali li sehh Wied-il-Ghajn, fil-15 ta' Marzu,**

**2005 bejn Seat Cordoba numru LAB-539 misjuqa mill-attur u Ford Transit numru JVY misjuqa mill-konvenut, liema incident sar bi htija tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Lulju, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi huwa ma jahtix ghall-incident *de quo*;**
**ii. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa esagerat;**
**iii. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Mifsud, W294 Simon Debono. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet, fil-15 ta' Marzu, 2005, bejn il-vettura, Van Transit, bin-numru ta' registrazzjoni JVY-010 misjuqa minn Adrianne Schembri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAB-539 misjuqa mill-attur.**
**2. L-incidnet sehh fil-15 ta' Marzu, 2005, fit-Triq Gemmugha, Marsascala, faccata tar-Razzett tal-Hbieberija.**
**3. Mir-*road accident report* jirrizulta illi l-attur kien qal illi kien niezel minn Triq il-Gemmugha u l-konvenut kien qed jirriversja minn Triq il-Hortan. L-attur jghid li paqpaqlu u dan qiesu waqaf ftit u rega beda miexi. L-attur zamm brake, pero' skiddja peress illi l-art kienet bin-nida. Il-konvenut jghid illi kif kiser ghal Triq il-Hortan, waqaf biex icedi lil Mini Van iehor u l-attur dahal fih fuq wara.**
**4. Adrian Schembri xehed li minn naha tal-passiggier tieghu kien hemm karozza pparkjata, u li fi Triq il-Hortan kien hemm karozzi parkeggati fuq iz-**

**zewg nahat. Hu jsostni li meta ra l-Mini Van l-iehor gej stennih jghaddi. Il-konvenut ma kellux hsarat, filwaqt illi l-vettura l-ohra kellha l-hsara fuq il-mudguard u t-tyre ta' quddiem in-naha tax-xellug. Il-konvenut isostni li fl-ebda mument ma regga lura u li l-attur kellu spazju bizzejjed minn fejn jghaddi.**

**5. L-attur da parti tieghu isostni illi l-Mini Van irriversja ghal go triq principali, baqa' jirriversja u sehhet il-kollizzjoni. L-attur fl-ebda hin ma waqaf u hu kien ghaddej fid-dritt.**

**6. Mil-valutazzjoni tal-fatti t-Tribunal jinnota illi l-konvenut kien konxju tal-vettura illi gejja mill-faccata u kien konxju wkoll tal-Mini Bus l-iehor illi kien gej u cedielu biex jghaddi. Il-konvenut stess jghid illi zewg Mini Vans ma jghaddux minn Triq il-Hortan. Jinghad ukoll illi fi Triq il-Gemmugha kien hemm karozzi parkeggati fuq il-lemin tal-attur. Ghalhekk l-attur ingieb f'sitwazzjoni illi ma kellux alternattiva hlief li jzomm il-brake ghax ma setghax jghaddi. Ghalhekk filwaqt illi l-konvenut intralca l-passagg tal-attur, l-attur da parti tieghu ma kellux spazju minn fejn jghaddi u dan jirrizulta ampjament mir-ritratt Dok SD15. Jinghad ukoll illi l-attur paqpaq, pero' peress illi kienet gejja l-vettura l-ohra fi Triq il-Hortan, il-konvenut ma resaqx. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma illi z-zewg partijiet kienu jahtu f'mod indaqs ghall-eventwali kollizzjoni.**

**7. Id-danni jirrizultaw u ma humiex kontestati, u dan fl-ammont reklamat. Peress illi l-konvenut kien jahti biss fi grad ta' nofs, jigi li dan ghandu jghati lill-attur is-somma ta' mija u dsatax-il lira maltija u sitta u sittin centenzmu (Lm119.66).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fl-istess grad daqs l-attur, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm84.66), u lill-attur Herman Betts is-somma ta' hamsa u tletin lira maltija (Lm35.00) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------